MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 1256/2007

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru 1691/07**
**Fl-ismijiet Pauline Vassallo nominata b'digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat- 3 ta' Ottubru 2007 bhala kuraturi halli tirraprezenta lil James Vassallo**
**vs**
**The Eden Foundation u The Eden Co-Operative Society Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fit-30 ta’ Novembru, 2007 minn The Eden Foundation, li in forza tieghu, wara li ippremettiet illi :

Illi r-rikorrenti intavola mandat ta' sekwestru u l-esponenti qieghed joggezzjoni bil-qawwa kollha ghal hrug ta' dan il-mandat ta' sekwestru u ghandu jigi revokat abbazi ghas-segwenti ragunijiet;

Illi abbazi tal-artiklu 836 tal- Kap 12

1. (Artiklu 836D) Ir-rikorrenti intavola mandat ta' sekwestru meta l-kawza ghadha fil-bidu taghha u hemm kontestazzjoni qawwija u prima facie ma hemmx bzonn li jinhareg dan il-mandat ta' sekwestru u di piu dan il-mandat huwa minghajr pregudizzju eccessiv; .

2. (Artikli 836F) Illi ma hemmx dubbju illi mhuwiex ragonevoli li dan il-mandat ta' sekwestru jibqa fis-sehh stante illi qieghed jipperikola l-ezistenza tal-Eden Foundation li hija socjeta li taghmel hafna gid ma minn huwa inqas ixurtjat u b'dan il-mandat kollox huwa mizmum. Di piu jirrizulta illi dan il-mandat imissu hareg mhux fil-Prim Awla tal-Qorti Civili imma minn Tribunal Industrijali;

3. (Artiklu 836 8D u 9) IIli l-esponenti isostni illi dan il-mandat inhareg b'malizzja kif ukoll t-talba hija firivola u vessatorja u hija immirata sabiex tikkawza hsara u taghmel pressjoni ingusta fuq il-Fondazzjoni sabiex r-rikorrenti jipprova jasal ghal xi konkluzzjoni mghaggla minhabba l-problemi enormi li qieghed jaqla bl-effett tal-mandat;

4. (Artiklu 838A) IIli l-esponenti qieghed jitlob ukoll illi r-rikorrenti jiddepozita garanzija xierqa ghall-hlas ta' penali ghax qieghed jintwera kawza gusta.

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitlob liIl-dina l-Qorti sabiex jigi revokat dan il-mandat ta' sekwestru ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat in-Nota ta’ l-intimata Pauline Vassallo nomine, li in forza taghha ecceppiet :

Li biha a tenur ta' l-artikolu 836(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili tiddikjara li t-talbiet maghmula fir-rikors ta' l-intimati fl-atti tas-sekwestru ma ghandiex tintlaqa' u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi r-rikorrenti qieghed jibbaza t-talba tieghu ghad-danni a bazi ta' l-Avviz Legali 461 ta' l-2004 - ir-Regolamenti dwar Trattament Ugwali, 2004 kif sussegwentement emendat li dahhal fil-ligi Maltija d-Direttivi tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea numru 2007/78 u 200/43/EC;

2. Illi din il-Qorti diversament preseduta qabel akkordat il-mandat ta' sekwestru in ezami permezz ta' digriet datat 9 ta' Novembru 2007 stiednet lir-rikorrenti jfisser ir-raguni ghala qieghed jippretendi l-hlas tal-paga ghal ghoxrin (20) sena (Dok. Z);

3. Illi permezz ta' Nota datata 12 ta' Novembru 2007 (Dok. X) l-esponenti spjega fid-dettall il-bazi legali li fuqha qieghed jibbaza l-lanjanza tieghu u a skans ta' ripetizzjoni qieghed jaghmel riferenza ghal dik in-Nota fl-interezza taghha. Jinghad biss li d-Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea li llum saru ligi f'Malta jistabbilixxu bic-car li l-agir ta' l-intimati huwa att illegali, barra li qed jiksru ukoll l-artikolu 15(5) ta' l-Att dwar l-Impieg ta' Persuni b'Dizabilita', 1969 (Kapitolu 210 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. Illi llum huwa ormai stabbilit illi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed 'prime facie'u dan ghaliex il-meritu jmissu jigi mistharreg fil-kawza propja bejn il-partijiet.[1] Illi ghalhekk mhuwhiex mehtieg li din il-Qorti tifli l-meritu tal-kwisjoni f'dan l-istadju, liema ezercizzju huwa mholli meta din il-Qorti tisma' l-kawza fi stadju ulterjuri.

(i) Illi l-ewwel kawzali li l-intimati qed jitolbu li l-mandat ta' sekwestru ghandu jigi revokat huwa a bazi ta' l-artikolu 836(1)(d) li jghid li jrid jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv.
F'Therese Mangion Galea (vs) Desmond Stanely Stewart, 29 ta' Lulju 2005 (Rik. Nru. 336/05 JRM) il-Prim' Awla tal-Qorti Civili qalet li:
"Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' Mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi

[1] Ara Prim'Awla RCP 7/2/01 Visa Investments Ltd (vs) Blye Engineering Co. Ltd.

fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah il- 'fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu mahluf fil-Mandat. Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi imfixkel jew imgarrab b'leggerezza, u l-iehor daqstant siewi Ii huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti [2]."

Illi huwa car Ii r-rikorrenti qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq l-Avviz Legali 461 l-2004 u ghalhekk "prima facie"jidher li huwa ghandu pretensjoni.

Fil-kawza ccittata l-Qorti kompliet Ii:

"biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir[3] jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'ghajn bhala wiehed maghmul b'mod azzardat."

Illi dan il-mandat ta' sekwestru nhareg biss wara li l-ewwel Onorabbli Qorti diversament presjeduta kienet sodisfatta li l-ammont u l-bazi legali li fuqha qed issir it-talba huwa skond il-ligi u akkordat is-sekwestru biss wara Ii l-esponenti spjega fid-dettall il-bazi legali tal-pretensjonijiet tieghu (Dok. X).

Illi ghalhekk huwa inkoncepibbli li l-intimati jsostnu li l-mandat ta' sekwestru huwa eccessiv.

(ii) Illi t-tieni kawzali li fuqha l-intimati qed jitolbu Ii jithassar il-mandat huwa a bazi ta' l-artikolu 836(1)(b) u cioe "jekk jintwera Ii fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm

---

[2] Ara P.A. RCP 29.11.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet Vincent Mercieca vs George Galea

[3] Ara P.A. GV 6.12.1999 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet Salvino Farrugia noe vs Exulco Holdings

fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."

F'Galea (vs) Stewart fuq citata din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta qalet li:

"L-istharrig fil-meritu ma jaghmilx bicca mil-kriterji li fuqhom hija ssejjes il-konsiderazzjonijiet taghha fi procedura bhal din: biex il-Qorti tista' tqis jekk hijiex misthoqqa jew le, il-pretensjoni tar-ragonevolezza fil-Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh trid tirrizulta minghajr ma ssir indagni fil-meritu;

Illi bizzejjed jinghad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwisjoni fil-meritu tasal ghall-fehma li l-intimata ezekutanti m'ghandha tithallas xejn, xorta wahda ma jistax jinghad li l-Mandat ma kienx ingustifikat. Is-success jew telfien ta' kwistjoni fil-meritu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b'mod vessatorju jew fieragh[4]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwistjoni ta' jekk huwiex ragonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustikikabbli li tali Mandat jinzamm fis-senn ma tiddependi xejn minn cahda tal-kawzali fil-meritu tal-intimat ezekutat."

Illi fil-fatt li l-mandat ta' sekwestru qed jipperikola l-ezistenza tal-Eden Foundation ma huwiex raguni tajba ghala din il-Qorti tista' tirrevoka l-mandat. F'dan is-sens huwa ferm rilevanti l-insenjament tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili <u>f'Galea (vs) Stewart</u> fejn wara li affermat il-principju riportat hawn fuq kompliet tispjega li:

"Illi, naturalment, il-Mandat ta' Sekwestru taht ezami wegga' lir-rikorrent. Il-Qorti ma kenitx tistenna li jitressaq ir-rikors promotur kieku dan ma kienx il-kaz. Dan il-fatt, wahdu, m'huwiex raguni biex il-Mandat jitnehha. Il-bilanc li l-Qorti trid tilhaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti li kontra taghha ssir il-pretensjoni, jrid jigi meqjus fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tieghu,

[4] Ara per ezempju, PA JSP 10.1.1992 fil-kawza fl-ismijiet Spiteri vs Camilleri u PA RCP 30.5.2002 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona

protezzjoni bikriija mahsuba mil-Iigi sakemm il-kwisjoni tigi mistharrga kif imiss fil-meritu. Ma jrid jintesa qatt Ii l-ghan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak Ii "jiffriza" l-qaghda sakemm il-kwistjoni tigi mistharrga kif ghandu jkun fil-mertu;

Illi wiehed ghandu jqis ukoll Ii, qabel dahlu fis-sehh il-bidliet fil-ligi procedurali fl-1995, ma kien moghti l-ebda rimedju bhal dak miktub illum mir-rikorrent ghat-tnenhija ta' Mandat, sakemm kien ikun gie mistharreg il-mertu tal-kwisjoni;

Illi, minkejja dan, il-Qorti ma tistax tinsa ghal kollox Ii, sewwasew minhabba l-effetti drastici tal-Mandat, isehhu konsegwenzi kultant serji Ii jhallu l-effetti tagnhom fuq il-parti intimata. Kemm hu hekk, il-Qorti tifhem sewwa Ii r-rikorrent qieghed igarrab hsara kontinwa bil-Mandat fis-sehh ma kull jum Ii jghaddi. Din il-hsara ma tistax madankollu tkun ir-raguni biex il-Mandat jitnenna. Kieku l-Iigi kellha titfisser b’dan il-mod, l-ebda Mandat effettiv ma jibqa' fis-sehh ladarba jigi muri li l-parti intimata f'dak il-Mandat tkun qieghda tbati."

Illi wkoll l-asserzjoni ta' l-intimati li dan il-mandat messu nhareg mit-Tribunal Industrijali u mhux minn din il-Qorti hija ghal kollox fallaci u bla bazi. Iill huwa qed jibbaza l-lanjanza tieghu fuq l-artikolu 10(2) ta' l-Avviz Legali 461 ta' 1-2004 li jghid li :

"persuna li tallega li xi persuna ohra tkun ghamlet fir-rigward tieghu jew taghha xi att illegali taht dawn ir-regolamenti ghanda, fi zmien erba' xhur mill-allegat ksur, ikollha d-dritt li tirrikorri quddiem il-qorti kompetenti ta' gurisdizzjoni civili u hemm titlob lill-qorti biex tordna lill-konvenut biex jieqaf iwettaq dak l-att illegali u, meta dan ikun japplika, tordna l-hlas ta' kumpens ghal dawk id-danni li tkun sofriet minhabba f’dak l-att illegali"

Illi a bazi ta' l-istess sub-artikolu huwa car li dawn il-proceduri huma "minghajr pregudizzju" ghall-proceduri mehuda quddiem it-Tribunal Industrijali.

Illi ghalhekk huwa car li t-talba ta' l-intimati taht din il-kawzali m'ghandhiex tintlaqa'.

(iii) illi l-intimati qed jitolbu danni a bazi ta' l-artikolu 836(3)(d) u (9) ghax qed ighidu li t-taIba ta' l-esponenti saret b'malizja u hija frivola u vessatorja.

Apparti li l-esponenti qed jibbaza l-pretensjonijiet tieghu fuq artikoli specifici tal-ligi, liema ligi tispecifika espressament li l-atti ta' l-intimati huma illegali, f'Paul Attard noe (vs) Loreto Abela, 25/5/05 (Citaz. nru. 1934/97 JRM), il-Prim' Awla tal-Qorti Civili affermat il-principju li:

“Illi ghar-rigward tal-azzjoni attrici immirata ghall-kundanna tal-imharrek ghad-danni minhabba u b'konsegwenza ta' hrug ta' Mandat kawtelatorju kollox irid jitqieghed fil-qafas ta' zewg principji ewlenin: l-ewwel wiehed huwa dak li min jirrikorri ghal jedd li ghandu ma jitqiesx li hu responsabbli ghal hsara mgarrba minn haddiehor minhabba l-uzu xieraq ta' dak il-jedd ("qui suo jure utitur neminem laedere videtur')[5]; it-tieni wiehed huwa dak li l-jedd li wiehed ifittex ir-rimedji tieghu billi jirrikorri ghall-awtorita gudizzjarja, minflok jiehu l-ligi b'idejh, m'ghandux jigi mxekkel bla bzonn;

Illi l-Qrati taghna dejjem gharfu wkoll li l-jedd li wiehed idur ghal rimedji gudizzjarji ma ghandux jitbiddel f'abbuz tal-procedura bil-hsieb li, biex idejjaq jew b’mod fieragh, igib lill-parti avversarja f'qaghda li jkollha ccedi ghar-rikatt, ghandha jew m’ghandhiex ragun. Kien ghalhekk ukoll li fil-qafas ta' kwistjoni ta' din l-ghamla, il-Qrati taghna, minn zmien ghal zmien, fissru l-limiti u c-cirkostanzi dwar fejn u kif jista' jitqies li jkun sehh abbuz mill-process gudizzjarju bi hsara ghal haddiehor. F'dan id-dawl ta' min jghid li "non era necessario che chi faceva istanza per la spedizione di un mandato cautelatorio avesse effettivamente il diritto che egli intendeva cautelare, essendo sufficiente che egli in buona fede credesse avere un simile diritto, al che rispondeva la parola 'pretensione[6]";

[5] Art 1030 tal-Kap. 16
[6] App. Civ. 7.7.1920 fil-kawza fl-ismijiet Miller Blacker pro et noe vs Howard (Kollez. Vol. XXIV.i.554)

Illi ghalhekk, il-fatt wahdu li persuna tkun bdiet procedura (maghduda maghha l-hrug ta' Mandat biex jikkawtelaw dik l-azzjoni) li, wara l-istharrig tal-Qorti, ma tigix milqugha, ma jfissirx b'daqshekk biss li kull procedura kienet saret b'abbuz tad-dritt li tirrikorri lejn il-Qorti [7];

Illi, generalment, l-abbuz mill-procedura gudizzjarja jitqies biss f'kazijiet eccezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nfisha[8]. Fejn ikun hemm element ta' agir fieragh fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju[9]. F'dan ir-rigward inghad li ghalkemm ir-ragunijiet li ghalihom min ikun talab u kiseb il-hrug ta' Mandat kawtelatorju jista' jinsab hati ghad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' cirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8), taht ir-regoli generali tar-responsabbilta' [10] irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuragni jew nuqqas ta' hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.[11]"

Din il-Qorti diversament preseduta f'Blye Engineering Co. Ltd. (vs) Paolo Bonnici Ltd. 7/7/04 (Citaz. nru. 492/02 TM).

Illi kif qalet ukoll l-abbuz tal-process gudizzjarju "jigi riskontrat biss f'kazijjiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' (Emanuele Calleja (vs) Carmelo Grima - Kollez. VoL XXXIX.1.24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza ("Agius (vs) Dott. Carbone nomine" – Kollez. VoL XIII.434), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente

[7] Kumm. 24.1.1895 fil-kawza fl-ismijiet Denaro vs Pace noe (Kollez. Vol XV.34)
[8] App. Civ. 10.1.1955 fil-kawza fl-ismijiet Calleja vs Grima (Kollezz Vol. XXXIX.i.24
[9] App. Civ. 26.1.1926 fil-kawza fl-ismijiet Mugliette vs Bezzina (Kollezz XXVI.i.405)
[10] Art. 1031 u 1032(1) tal-Kap. 16
[11] P.A. TM 18.9.2002 fil-kawza fl-ismijiet John Zarb vs Port Cottonera Ltd

a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite" ("Mugliette (vs) Bezzina" - Kollez. Vol. XXVI.1.405);

Illi dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:-

"Il diritto cessa dove comincia l'abbuso ... ... riteniamo che basta, per protteggere tutti l'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa:
di aderire al concetto generale che tutti I diritti hanno dei limiti", Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi "chi agisce in mala fide od inseguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un'indemnita' al suo avversario ... ..." (Baudry - Lacantinerie - Trattato Prattico di Diritto Civile - Della Obligazioni - Vol. VI. Pg. 560).

Din il-Qorti, kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Raymond Pace, fil-kawza "S N Properties Ltd (vs) Camilleri" deciza fis-6 ta' Gunju, 2000, kienet ukoll ta' l-istess fehma. F'dik il-kawza intqal li:

"minn ezami tal-istess ragunijiet jidher car, li apparti xi ragunijiet specifici li gew introdotti per se fl-istess artikoli, l-ispirtu tal-istess artikoli huwa intiz, sabiex bhal ma stabbilit fil-gurisprudenza konstanti ezistenti qabel il-promulgazzjoni tal-istess emendi, ma jkun hemm abbuz minn tali hrug ta' mandati kawtelatorji, u dan l-abbuz huwa identifikat f'kazijiet ta' mala fede, vessatorjeta' u negligenza grossolana".

"Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti tali kazijiet ma eliminawx per principju l-azzjoni generali ghad-danni fuq riferita fis-sentenzi citati ai termini tal-Artikolu 1031 tal-Kap 16, dejjem fil-kuntest u b'konsegwenza ta' dritt ta' azzjoni, pero' in verita' u fil-prattika tali azzjoni, diretta ghall-hrug ta' Mandati kawtelatorji, giet illum kristalizzata bl-istess Artikolu 836(9). Dan ghaliex l-istess artikolu introdott bil-ligi tal-1995, ikkodifika u applika l-principji elenkati fil-

gurisprudenza ta' qabel in materia, dwar l-ezercitazzjoni ta' azzjoni ta' danni wara il-hrug ta' mandat kawtelatorju, u minn ezami tal-istess ragunijiet hekk elenkati, huwa difficli li wiehed jahseb li hemm ragunijiet barra dawk elenkati fl-istess Artikolu 836, fejn l-azzjoni in generali tista' tirnexxi".

Mill-premess, jidher, li l-pozizzjoni aktar akkredita hija dik abbraccjata minn din il-Qorti f'din il-kawza, u cioe', li r-responsabilita' ghad-danni, naxxenti minn proceduri gudizzjali issib il-limitazzjoni taghha fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, b'zieda li tista' wkoll tiddependi mill-vessatorjeta' u/jew il-mala fede ta' dak li jkun nieda dawk il-proceduri.
Din hi l-pozizzjoni li hadet din il-Qorti, kif presjeduta, fil-kawza "Sammut (vs) Sammut", deciza fil-5 ta' Gunju, 2003, u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), kompetenza Superjuri, fil-kawza "Rapa et (vs) Refalo et" deciza fl-24 ta' Ottubru, 2003.

Illi li hu zgur huwa li l-esponenti ma qarraqx jew abbuza mill-process gudizzjarju jew li l-pretensjoni tieghu hija wanda fiergha. Kull mhu qed jitlob huwa dak li taghtih il-ligi u qabel inbdew il-proceduri gudizzjarji interpella diversi drabi lill-intimati biex jirrevokaw l-atti illegali taghhom, kemm b'ittra bonarja kif ukoll bi protest gudizzjarju, izda l-intimati baqghu ma tawx widen.

(iv) Illi l-ahhar talba ta' l-intimati f'dan ir-rikors hija li l-esponenti ghandhom jiddepozitaw garanzija xierqa ghall-hlas ta' penali. L-esponenti jissottomettu li huma agixxew a bazi tad-drittijiet moghtija lilhom bil-ligi u kif intwera fil-parti 4 (iii) ta' din in-Nota huma ma humiex bl-ebda mod azzjonabbli ghad-danni. Ghaldaqstant huma m'ghandhom jiddepozitaw l-ebda garanzija biex jaghmlu tajjeb ghal danni li ma kkawzawx.

Illi f'Galea (vs) Stewart fuq Citata l-Qorti stabbilit li:

Illi il-ligi trid li lill-Qorti tintwera "kawza gusta" biex twassalha tqieghed fuq il-parti ezekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piz li toffri garanzija tajba. Il-fatt wahdu li jkun inhareg il-Mandat ma jitqiesx bhala "kawza gusta"

ghall-finijiet ta' dan l-artikolu[12]. Irid ikun hemm ragunijiet ohrajn, izjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti taghti dik is-sanzjoni.

F'dan il-kaz m'hemmx ragunijiet ohra serji u impellenti li jwasslu lill-Qorti tordna il-hrug tal-garanzija.

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw;

Rat illi ir-rikors thalla ghallum ghal digriet;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi James Vassallo kien impjegat ma "The Eden Co-Operative Society Limited" u qatt ma kien impjegat ma "The Eden Foundation" u ghalhekk l-intimata nomina ma irnexxilhiex tipprova illi kellha 'prima facie' bazi guridika illi fuqha setghet tagixxi sabiex jinhareg mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra il-fondazzjoni rikorrenti;

Illi irrizulta wkoll li l-intimata nomine m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-Fondazzjoni rikorrenti;

Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba tal-Fondazzjoni rikorrenti "The Eden Foundation" u qeghda tirrevoka il-Mandat ta' Sekwestru fil-konfront taghha, b'dan illi l-istess Mandat jibqa' jghodd fil-konfront ta' "The Eden Co-Operative Society Limited".

Bl-ispejjez kontra l-intimata nomine.

**< Sentenza Finali >**

[12] Ara P.A. GC 4.10.2002 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty

---------------------------------TMIEM---------------------------------